MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 499/2014

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fil- 15 ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija erbgha u tmenin (1984) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhala Dok. A. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, S ta' erba` u ghoxrin (24) sena, R ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u M ta' erbatax-il sena(14);

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Joseph Debono li gie ppublikat fid-disa` (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment u dana ghaliex il-manteniment thallas f'pagament a saldu mal-kuntratt ta' separazzjoni u dan skont klawsola hdax (11) tal-istess kuntratt fuq imsemmi;

Illi l-partijiet prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u r-rikorrenti qeghda f'relazzjoni ohra stabbli u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom;

Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Novembru 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Mejju 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------